MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 64/2001/1

**Nicholas u Maria Assunta Cassar**

**vs**

**John Cassar**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Ottubru, 2003 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi l-esponenti jikru lill-intimat il-hanut maghruf bl-isem ta' 'Dione', f'K. Darmanin Street, Hamrun, bil-kera ta' Lm60 fis-sena, pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, l-iskadenza li jmiss fit-28 ta' Settembru, 2001 (Dok.A);

Illi l-imsemmi intimat mhux qed juza dan il-hanut skond id-destinazzjoni tieghu, u ghall-zmien twil zammut maghluq, liema ragunijiet jintitolaw lis-sidien jirriprendu l-pussess vojt tal-istess fond;

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett kollu jitlob illi dan il-Bord jghogbu jawtorizzhom sabiex jirriprendu l-pussess battal tal-imsemmi fond gewwa l-Hamrun, fi tmiem ir-rilokazzjoni korrenti, u ghaldaqstant jordna l-izgumbrament tal-intiamt mill-imsemmi fond.

Ra r-risposta

Illi l-fond 'Dione' f'K. Darmanin Street, Hamrun inkera bhala store/hanut u dejjem intuza skond id-destinazzjoni tieghu (Dok JC).

Ghalhekk it-talba tar-rikorrent huwa infondat u ghandu jigu michud bl-ispejjes.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tat-23 ta' Gunju, 2003.

Ikkunsidra,

1. Dan ir-rikors mexa kontestwalment mar-rikors numru 63/01 li qed jigi deciz illum.

2. B'kitba privata tad-29 ta' Marzu, 1976 ir-rikorrent kera l-'hwienet' 'Emanuel' u 'Dione' li jinsabu wiehed fi Triq Mountbatten u l-iehor fi Triq Gdida barra Triq Mountbatten il-Pieta/Hamrun bhala hanut wiehed bil-kera ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120) fis-sena. Gie miftiehem li:

"3. Il-hanut irid jintuza ghal iskop li ghalih gie mikri bhala store jew hanut ghall-kummerc".

3. Iz-zewg fondi inkrew f'daqqa u l-kirja hija wahda skond il-ftehim. Imissu sar rikors wiehed imma billi z-zewg

rikorsi gew prezentati flimkien, fihom l-istess kawzali, imxew kontestwalment f'daqqa, l-Bord ser jikkundisrahom f'daqqa biex jevita proceduri u spejjez ohra.

4. Mix-xhieda moghtija mill-partijiet, kif dettaljatament migjubha fis-sentenza l-ohra (rikors nru 63/01) jirrizulta li dan il-fond, ghall-uzu kummercjali inzamm maghluq ghal madwar sentejn/tlieta. L-intimat la uzah biex ibiegh minnu u anqas bhala mahzen in konnessjoni ma' xi attivita' kummercjali. Dan jammettih l-intimat u bhala raguni jghid li finanzjarjament mar hazin. Is-sid li ntebah li l-fond ma hu qed jintuza ghal xejn kitiblu darbtejn. Wara l-ewwel ittra l-intimat qal lis-sid li mhux ser ikompli bin-negozzju u gab avviz f'gazzetta biex ibiegh il-merkanzija kollha li ghandu. Qed juza l-fond biex fih izomm xi affarijiet personali u xi merkanzija li f'sentejn/tlieta ma rnexxilux jehles minnha. In-negozzju waqaf ghal kollox. Billi l-intimat zam il-licenzja u ghadu registrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dan ma jfissirx li qed jaghmel uzu mill-fond. Ma hemm l-ebda akkwiexxenza tas-sid.

5. Billi jirrizulta li l-intimat ghal sentejn/tlieta ma ghamel ebda uzu mill-fond skond il-ftehim, il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jirriprendi pussess tal-fond, illum 'Dione', f'K. Darmanin Street, il-Hamrun.

Ghall-ghan ta' tkeccija jaghti tlett (3) xhur zmien m'illum. Billi seta sar rikors wiehed flok tnejn u kienu jigu evitati spejjez, l-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

L-intimat appella minn din is-sentenza bl-istess aggravji sterjotipati ta' l-appell mid-decizjoni tal-istess Bord bejn l-istess partijiet fir-rikors Numru 63/01 moghtija fl-istess gurnata tas-6 ta' Ottubru, 2003.

Gjaladarba z-zewg kawzi gew trattati bhala kawza wahda, anke ghaliex, kif osservat fid-decizjoni fil-kawza l-ohra pronunzjata illum, 'stricto jure' dawn hekk kellhom jigu trattati in primo luogo mill-istess lokatur in raguni tal-fatt li si trattava ta' kirja b'kera wiehed taz-zewg fondi, ma

hemmx raguni il-ghala din il-Qorti ghandha hawn tirripeti l-istess konsiderandi zvolti fil-kawza l-ohra deciza.

Ghaldaqstant il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, taghmel espressa referenza ghal dik id-decizjoni u ghall-osservazzjonijiet kollha fiha espressi u taghmel li dawn japplikaw "mutatis mutandis" ghall-appell f'din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi, in bazi ghar-riflessjonijiet kollha maghmula fil-kawza per Rikors Numru 63/01 li qed jigu hawn ukoll adottati, taqta' u tiddeciedi dan l-appell billi tirrespingi l-istess, bl-ispejjes gudizzjarji, anke ta' din l-istanza, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------